MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Rikors Numru. 37/2010

**Massimo Grixti**

**-vs-**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentat fl-4 ta' Ġunju 2010 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

Illi huwa tressaq il-Qorti akkużat talli nhar l-24 ta' Frar 2010 għall-ħabta tal-11:30am ġewwa l-fond 60, Flat 6, Triq l-Isptar, Valletta:

1. Bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil ommu Josephine Grixti, biża' li ser tintuża vjolenza kontriha meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna

lil Josephine Grixti hekk biża’ kull darba minn dawk l-okkażjonijiet.

2. Gab ruħu b’mod li ta fastidju lil Josephine Grixti u / jew b’mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta’ fastidju għall-istess Josephine Grixti.

3. Ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċjoe’ offiża ta’ natura ħafifa fuq ommu Josephine Grixti.

4. Ħebb għall-imsemmija Josephine Grixti sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmillha ħsara.

5. Għamel lil ħaddieħor inġurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b’mod li ħareġ mil-limiti tal-provokazzjoni.

6. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċjoe’ ħsara għad-dannu ta’ Josephine Grixti.

7. Qal kliem fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indiċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b’xi mod ieħor li mhux provdut fil-Kodiċi Kriminali, offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-diċenza pubblika.

8. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, b’għajjat u bil-ġlied.

9. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita’ jew ta’ wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jħallix jew ifixkel waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu jew b’xi mod ieħor bla jedd jindaħal fi dmiru billi ma jhallix lil ħaddiehor jagħmel dak li bil-liġi ikun ordnat jew jista’ jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b’xi mod ieħor li jkun kemm-il darba din id-diżubbidjenza jew dak l-indħil ma jkunx jaqa’ taħt id-dispożizzjonijiet oħra ta’ dan il-kodiċi jew ta’ liġi oħra.

10. Talli nhar it-22 ta’ Frar 2010 għall-ħabta tal-11:00am ġewwa l-bini tal-Qorti, Valletta, inġurja jew

hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku u ċjoe' PS 697 Nigel Apap, waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, nhar il-25 ta' Frar 2010, sabet lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u dan anke fuq ammissjoni tiegħu stess u kkundannatu sena priġunerija.

Illi l-esponent ħass ruħu aggravat minn din is-sentenza msemmija u interpona umli appell.

Illi għandu jiġi minn issa enfasiżżat li fl-ebda ħin ma' l-appellant ma ġie akkużat bi ksur ta' sentenza sospiża imposta fuqu fit-18 ta' Frar 2008.

Illi fil-mori tal-appell, il-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Prim Imħallef Vincent de Gaetano attirat l-attenzjoni tad-difiża li mill-fedina penali rriżulta li huwa kien ġie kkundannat erbatax-il xahar priġunerija sospiżi għal tlett snin u li fit-termini tal-liġi għad li ma kienx hemm l-ebda akkuża mogħtija f'dan ir-rigward, anke f'dan l-istadju, kellha d-dritt tieħu l-passi neċessarji.

Illi in vista tal-premess, u anke għal raġunijiet oħra, l-esponent deherlu li kellu jirtira l-appell tiegħu u fil-fatt hekk għamel permezz ta' nota fit-tlieta ta' Ġunju 2010.

Illi minħabba fil-premess konsegwentement ma kienx għad baqa' proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali.

Illi b'mod sorprendenti għall-aħħar u b'mod skorrett fid-dritt, il-Qorti tal-Appelli Kriminali hekk kif preseduta rrediġiet is-segwenti verbal:

Meta ssejjaħ l-appell deher l-appellant assistit mill-avukat difensur. Deher Dr. Jason Grima għall-Avukat Ġenerali.

Il-Qorti rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta’ Mejju 2010.

Rat ukoll in-nota ta’ Massimo Grixti li permezz tagħha qiegħed iċedi l-appell minni interpost fid-9 ta’ Marzu 2010 b’mod għalhekk li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-25 ta’ Frar 2010 għandha titqies li għaddiet in ġudikat b’effett mil-lum.

Illi ġiet esebita mill-Avukat Ġenerali kopja legali tas-sentenza tat-18 ta’ Frar 2008 li permezz tagħha l-imsemmi Massimo Grixti kien ġie kkundannat erbatax-il xahar priġunerija sospiża għal tlett snin. Din is-sentenza qed tintwera lil avukat difensur.

Illi avukat difensur għal Massimo Grixti tiddikjara li ma kien hemm ebda kwistjoni dwar l-identita’ tal-persuna li fil-konfront tagħha ngħatat is-sentenza msemmija tat-18 ta’ Frar 2008.

Illi l-avukat difensur u Dr. Jason Grima għall-Avukat Ġenerali jirrimettu ruħhom fir-rigward ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 28D tal-Kodiċi Kriminali.

Illi fiċ-ċirkostanzi l-Qorti peress li hija sodisfatta li fl-24 ta’ Frar 2010 Massimo Grixti kkommetta reat li għalih hemm piena ta’ priġunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiża mogħtija fit-18 ta’ Frar 2008 wara li rat l-artikolu 28A, 28B, 28D, tal-Kodiċi Kriminali tordna li s-sentenza t’erbatax-il xahar priġunerija imposta bis-sentenza, imsemmija tat-18 ta’ Frar 2008 tibda sseħħ b’effett mil-lum.

Illi komunika ta’ din id-deċizjoni lid-Direttur tal-Habs.

Illi l-esponent jerga’ jenfasiżża li dan il-verbal kien wieħed sorprendenti għall-aħħar u inspjegabbli u dan *stante* li pendenti quddiem il-Qorti ma kien għad baqa’ l-ebda proċeduri u għalhekk ma kien hemm l-ebda kawża fl-atti ta’ liema setgħet il-Qorti tagħmel il-verbal li għamlet.

Illi l-esponent jilmenta hekk kif se jispjega aktar 'l isfel li bl-aġir tagħha, il-Qorti tal-Appell Kriminali llediet id-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-esponent senjatament l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi bid-dovut rispett il-Qorti tal-Appell Kriminali nterpretat erronjament il-predispost tal-artikolu 28D tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk ir-rikorrent ma jħossx li għandu għalfejn jadixxi lil din il-Qorti tiddikjara li l-istess provvediment tal-liġi bħala *ultra vires* u leżiv tad-drittijiet tal-bniedem.

Illi mill-qari tal-artikolu ndikat jidher ċar li għad li hu minnu illi din l-artikolu jagħti poter lill-Qorti tal-Appell Kriminali tittratta fuq ksur ta' sentenza sospiza anke fi stadju tal-appell, madanakollu l-istess artikolu xorta waħda jabbraċċja u jipprovdi għas-salvagwardji kollha neċessarji għal smiegħ xieraq.

Illi *inter alia* l-artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u wkoll, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi nformat bil-miktub b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji u bix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat.

Illi fil-każ in deżamina, l-esponent qatt ma kien akkużat li huwa kiser il-kundizzjonijiet ta' xi sentenza sospiża mposta fuqu. Minħabba f'dan għalhekk qatt ma laqa' għal tali akkuża u qatt ma kellu l-opportunita' jiddefendi ruħu fuq din l-akkuża lanqas fl-istadju tal-appell u dan anke minħabba l-fatt li l-appell tiegħu ġiet ċedut għax hekk deherlu li kellu jagħmel l-esponent, kif kellu kull dritt.

Illi l-artikolu 28D tal-Kodici Kriminali jippredisponi li f'każijiet simili, il-Qorti għandha jew toħroġ ċitazzjoni *ad hoc* kontra l-appellant, fejn l-akkużat allura jkun jaf li qed jiġi mixli mill-ġdid u jkun jista' jiddefendi ruħu jew toħroġ mandat t'arrest kontra tiegħu biex hu jkun jista' jwieġeb għal din l-akkuża l-ġdida.

Illi in effetti l-artikolu 28D(2) jgħid:

*"Ċitazzjoni jew il-mandat maħruġ bis-saħħa ta' dan l-artikolu għandhom jordnaw lill-ħati biex jidher, jew li l-ħati jinġieb quddiem il-Qorti sabiex jiġi trattat dwar is-sentenza sospiża".*

Illi dan il-provvediment li huwa intiż appożitament sabiex dak li jkun, jkun jista' jiddefendi ruħu ġie għal kollox injorat biex b'hekk, l-istess esponent ġie negat lilu d-dritt bażilari li jiddefendi lilu nnifsu.

Illi l-esponent jilmenta bil-kbir li huwa ġie kkundannat fuq ħaġa li ma kienx akkużat biha u mingħajr ma ngħata l-ebda dritt ta' xejn li jiddefendi ruħu.

Illi aktar minn hekk l-esponent jilmenta mill-fatt li huwa ġie kkundannat minn Qorti li quddiemha lanqas biss kien għad baqagħlha proċeduri, b'sempliċiment verbal f'atti ta' kawża non eżistenti.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li bil-verbal tagħha tal-4 ta' Ġunju 2010 fuq indikat ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

2. Tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-verbal mogħti fl-4 ta' Ġunju 2010.

3. Tagħti dawk id-direttivi kollha sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tiegħu.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali, ppreżentata fil-25 ta' Ġunju 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrent kellu rimedji ordinarji disponibbli għalih konsistenti filli jressaq l-argumenti tiegħu dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 28 D mill-Qorti *ex officio* fil-mument opportun, ċjoe' meta l-Qorti nnifisha kienet stiednet id-difensuri tal-partijiet sabiex jekk iridu jagħmlu trattazzjoni dwar dan il-punt. Fil-fatt:

i. l-avukat prosekutur mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali esebixxa kopja tas-sentenza li permezz tagħha r-rikorrent odjern kien ġie mogħti sentenza sospiża, liema kopja ntweriet ukoll lid-difensur tar-rikorrent;

ii. il-Qorti spjegat b'mod ċar u inekwivoku li, *stante* l-fatt li l-imputat rikorrent odjern kien għadu taħt sentenza sospiża, fil-fehma tagħha setgħet tapplika l-artikolu 28 D u titlob li jiġi trattat dan il-punt;

iii. kif diġa' ntqal, il-Qorti stiednet espressament lill-avukata difensur tar-rikorrent sabiex jekk tixtieq tittratta dwar dan il-punt, tagħmel dan;

iv. minkejja l-istedina espressa tal-Qorti, id-difensur tar-rikorrent għażlet li ma tittrattax dwar dan il-punt u rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti;

v. l-avukat prosekutur ukoll irrimetta ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti;

vi. *inoltre*, ir-rikorrent saħansitra ddeċieda illi jċedi l-appell b'nota appożita, u dan wara li, kif jammetti hu stess fir-rikors promotur, kien ħa konjizzjoni tal-akkużi kollha kontrih inkluż il-ksur tal-kundizzjoni annessa mas-sentenza sospiża preċedenti – fil-fatt, fi kliem ir-rikors promotur stess, huwa rtira l-appell *"in vista tal-premess u anke għal raġunijiet oħra"*;

vii. kien biss wara li seħħ dan kollu li l-Qorti għaddiet sabiex tapplika l-artikolu 28 D kif kellha kull jedd li tagħmel.

Għalhekk, ir-rikorrent kellu kull opportunita' li jissolleva l-ilment imressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti quddiem forum ferm aktar xieraq, ċjoe' l-Qorti tal-Appell Kriminali nnifisha. Kieku dan l-ilment tqajjem b'mod tempestiv quddiem il-forum idoneju kienu jiġu evitati dawn il-proċeduri inutli, u l-kwistjoni setgħet faċilment ġiet risolta mill-makkinarju ġudizzjarju u ordinarju tal-Istat, kif wara kollox jippreferi illi jsir il-Qorti Ewropea stess.

2. Illi *inoltre* u bla preġudizzju għas-suespost, la l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma ġew leżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali. L-artikolu 28 D jagħti l-fakulta' lill-Qorti tal-Appell Kriminali illi tissolleva *ex officcio* kull kwistjoni dwar l-applikazzjoni ta' sentenzi sospiżi u titlob illi l-imputat jinġieb quddiemha sabiex il-każ jiġi trattat.

Illi għandu jirriżulta ovvju u raġonevoli illi f'każ fejn l-imputat diġa' jinsab quddiem il-Qorti, it-trattazzjoni tista' ssir f'dik l-istess seduta. Interpretazzjoni differenti tal-artikolu 28D tkun tfisser li l-leġislatur ried proċedura żejda li ma ġġib xejn ħlief ħela ta' ħin, billi l-Qorti, minkejja li jkollha l-imputat quddiemha, terġa' tappunta seduta oħra purament għas-smiegħ dwar dan il-punt. Tali interpretazzjoni ċertament illi ma tkunx konsonanti mal-ħtieġa fil-kamp kriminali illi jkun hemm ekonomija stretta ta' ħin sabiex jingħata ġudizzju fi żmien raġjonevoli.

Illi kuntrarjament għall-impressjoni li qed jipprova jagħti l-akkużat, il-verbal tal-Qorti tal-Appell li r-rikorrent qed jilmenta minnu kien qed jiddokumenta proċeduri li kienu diġa' seħħew, u l-ammissjoni tal-akkużat seħħet wara s-sejħa tal-Qorti sabiex jiġi trattat il-punt tas-sentenza sospiża. Għalhekk, ma kien hemm xejn sorprendenti jew leżiv fir-redazzjoni tal-verbal imsemmi, u jekk ir-rikorrent qed jilmenta li ċeda l-appell din kienet purament għażla tiegħu li ġiet rispettata u implimentata mill-Qorti wara li kien ingħata l-fakulta', skond ma jipprovdi l-artikolu 6, illi jagħmel id-difiża tiegħu kemm dwar il-ħtija *o meno* tiegħu kif ukoll dwar l-applikazzjoni tas-sentenza sospiża.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrespinġi t-talbiet kontenuti fir-rikors odjern bl-ispejjeż kontra r-rikorrent Grixti.

Rat l-atti proċesswali, kompriż tal-kawża deċiża mill-Qorti Kriminali li l-proċess tiegħu ġie allegat mal-proċess ta' din il-kawża;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju 2010 illi permezz tiegħu il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar dawn l-eċċezzjonijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat hija fis-sens illi r-rikorrenti kellu rimedji ordinarji disponibbli għalih u dan billi jressaq il-lanjanza tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-mument meta kellha ssir it-trattazzjoni. Għalhekk għalkemm mhux imsemmi testwalment, l-intimat qed jirreferi għall-poter li tagħti lill-Qorti f'kawżi kostituzzjonali l-istess Kostituzzjoni illi tiddeklina li tkompli tisma' l-kawża jekk jeżistu rimedji oħra għar-rikorrenti.

Il-proviso in kwistjoni mill-intimati jgħid eżattament hekk; iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra. (46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta).

Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"** (7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra:

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali;*

*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponidbbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r–rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' illegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

*c. Kull każ għandu l-fatti speċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkunsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddiehor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ.*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Philip Spiteri vs Sammy Meilaq"** (8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni. F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma komplessa jiżdied il-kliem jew inkella mħallta.

Illi l-Qorti ma jidhriliex li fuq l-iskorta ta' dawn is-sentenzi għandha tiddeċiedi li ma tkomplix tisma' l-kawża. L-ewwelnett għandu jingħad li hija għandha ċerta diskrezzjoni, dipendenti fuq il-komplessita' tal-każ. Meta huwa ċar li r-rikorrenti kellu rimedju ieħor iżda jippreferi jmur mill-ewwel quddiem din il-Qorti, anke din il-Qorti kif preseduta, kellha okkażjoni tagħmel użu minn din id-diskrezzjoni; ara s-sentenzi **"Salvatore Borg vs Direttur**

**tar-Registru Pubbliku”** (31 ta’ Mejju 2010) , **“Wahid Mohammed Samir vs Prim Ministru et”** (28 ta’ Novembru 2008) u **“Mouad Mabrouk vs Ministru tal-Gustizzja et”** (4 ta’ Frar 2009).

Illi f’dan il-każ pero’, għalkemm wieħed jista’ jirraġuna li setgħet saret trattazzjoni fuq jekk *una volta* l-appell ġie rtirtat, il-Qorti tal-Appelli Kriminali kienx baqagħlha kompetenza tkompli tisma’ l-każ, dan il-fatt waħdu ma jimpinġi bl-ebda mod fuq id-drittijiet fundamentali tal-bniedem iżda huwa wieħed ta’ natura proċedurali anke jekk ta’ importanza kbira. Ir-rikorrenti issa qed isostni li l-mod kif aġixxiet il-Qorti tal-Appelli Kriminali kiser id-dritt fundamentali tiegħu msemmi fl-artikoli illi huwa qed jiċċita fir-rikors tiegħu. Barra minn dan anke jekk huwa seta’ qajjem dan il-punt quddiem dik il-Qorti, dan ma jfissirx li allura għaliex m’għamilx dan tilef xi dritt fundamentali protett mill-Kostituzzjoni u l-Qorti ma għandhiex tkompli tisma’ l-lanjanzi tiegħu. Fuq kollox, issa dak ir-rimedju m’għadux jeżisti għalih u jekk ġie lilu leż xi dritt fundamentali  huwa dover tal-Qorti li tinvestigah.

Illi għalhekk il-Qorti se tirrifjuta li teżerċita d-diskrezzjoni akkordata lilha taħt il-proviso msemmi u se tgħaddi biex tiddeċiedi l-kawża quddiemha.

Illi fil-każ in eżami huwa importanti allura illi wieħed jeżamina l-perkors tal-proċeduri kriminali in kwistjoni. L-akkużat tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati akkużat kif indikat fir-rikors. Ġiet esebita l-fedina penali bħas-soltu u din kienet tinkludi sentenza mogħtija fl-2008 fejn huwa ġie kkundannat għal sittax-il xahar ħabs sospiżi għal tlett snin; huwa ammetta l-akkużi u ġie kkundannat għal perjodu ta’ sena ħabs. Is-sentenza ngħatat fil-25 ta’ Frar 2010; huwa appella minn din is-sentenza. L-appell ġie appuntat għas-seduta tat-28 ta’ Mejju 2010. Hawnhekk skond il-verbal ta’ dik is-seduta:

*“Il-Qorti ġibdet l-attenzjoni ta’ Dr Yanika Bugeja (difensur tal-appellant) għall-fatt li skond il-fedina penali li kellha l-ewwel Qorti quddiemha (fol. 3 tal-atti) l-appellant odjern kien ingħata sentenza ta’ erbatax-il xahar ħabs sospiżi*

*għal tlett snin fit-18 ta' Frar 2002 (sic – kellha tkun 2008) u li għalhekk ir-reati li tagħhom huwa ammetta l-ħtija fil-25 ta' Frar 2010 u li dwarhom ġie kkundannat b'sentenza mogħtija fl-istess ġurnata kienu reati magħmula matul il-perjodu operattiv tal-istess sentenza.*

*Illi l-Qorti tosserva wkoll illi fis-sentenza appellata, ċjoe' dik tal-25 ta' Frar 2010, l-ewwel Qorti ma ħaditx konjizzjoni ta' dan il-fatt.*

*Illi għalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li qed tiddiferixxi dan l-Appell għall-kontinwazzjoni għall-4 ta' Ġunju 2010 fid-9:30 a.m., qegħda tordna lil Massimo Grixti sabiex jidher quddiemha fl-istess data u ħin għall-fini u effetti kollha tal-imsemi Artikolu 28B, u dan biex b'hekk l-appell odjern, ikun jista' jwieġeb ukoll għal dak kollu li huwa konsegwenza tal-imsemmija sentenza.*

*Illi fl-imsemmija udjenza l-Prosekuzzjoni għandha tesebixxi kopja legali tas-sentenza tat-18 ta' Frar 2008 mogħtija fil-konfront ta' Massimo Grixti.*

*Illi prevja dan kollu l-Appell qed jiġi differit kif ingħad għall-4 ta' Ġunju 2010 fid-9.30 a.m.*

*Illi l-Qorti spjegat lill-appellant li d-differiment li qed tagħti l-Qorti seduta stante jservi ta' taħrika għall-finijiet u effetti tal-artikolu 28B tal-Kap. 9.*

*Ir-rikorrenti allura ċeda l-appell tiegħu qabel is-seduta tal-4 ta' Ġunju; għalhekk il-Qorti tal-Appelli Kriminali ddikjarat illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-25 ta' Frar 2010 għaddiet in ġudikat. Il-Qorti mbagħad ivverbalizzat dan:*

*Tibqa' biex tiġi kkunsidrata l-kwistjoni sollevata 'ex ufficio' mill-Qorti riferibbilment għas-sentenza ta' priġunerija sospiża.*

*Ġiet esebita mill-Avukat Ġenerali kopja legali tas-sentenza tat-18 ta' Frar 2008 li permezz tagħha l-imsemmi Massimo Grixti ġie kkundannat erbatax-il xahar*

*priġunerija sospiżi għal tlett snin. Din is-sentenza qed tintwera lil Dr Yanika Bugeja.*

*Illi Dr Bugeja tiddikjara li m'hemm ebda kwistjoni dwar l-identita' tal-persuna li fil-konfront tagħha ingħatat is-sentenza imsemmija tat-18 ta' Frar 2008.*

*Illi Dr Bugeja għal Massimo Grixti, u Dr Jason Grima għall-Avukat Ġenerali jirrimettu ruħhom fir-rigward ta' dak li jipprovi l-artikolu 28D tal-Kodiċi Kriminali.*

*Illi fiċ-ċirkostanzi l-Qorti peress li hija sodisfatta li fl-24 ta' Frar 2010 Massimo Grixti kkommetta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija fit-18 ta' Frar 2008, wara illi rat l-artikoli 28A, 28B u 28D tal-Kodiċi Kriminali, tordna li s-sentenza ta' erbatax-il xahar priġunerija mposta bis-sentenza msemmija tat-18 ta' Frar 2008 tibda sseħħ b'effett mil-lum.*

Illi r-rikorrenti qed jgħid fir-rikors promotur tiegħu li l-mod kif tmexxew il-proċeduri kontra tiegħu fl-ambitu tal-interpretazzjoni tal-artikolu 28A *et sequitur* tal-Kodiċi Kriminali kiser id-dritt fundamentali tiegħu sanċit bl-artikolu 39 (6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-ewwel skeda tal-Kap. 319 ċjoe' l-Att li daħħal fis-seħħ il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem (mhux l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni nnifisha kif indika erronjament fir-rikors). Dan jgħidu l-istess ħaġa, u ċjoe' illi kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi nfurmat bil-miktub, b'ilsien li jifhem u bid-dettalji, dwat ix-xorta ta' reat li bih ikun akkużat.

Illi f'dan il-każ, m'hemmx kwistjoni illi r-rikorrenti ġie debitament infurmat bir-reat li kien akkużat u li tiegħu nstab ħati; l-ilment tiegħu huwa li ladarba l-proċeduri tal-appell kienu ġew terminati minnu stess biċ-ċessjoni tal-istess appell, il-Qorti ma setgħetx f'dak l-istadju tordna li huwa jservi l-piena li għaliha kien ġie kkundannat fl-2008.

Illi huwa ċar li meta ġiet introdotta s-sistema ta' sentenza sospiża, il-liġi riedet tassikura ruħha illi meta imputat jinstab ħati ta' reat ieħor fil-perjodu operattiv tas-sentenza

sospiża, ma jkun hemm ebda żvisti li jistgħu jwasslu biex il-ħati ma jservix dik is-sentenza. Għalhekk l-artikolu 28D tal-Kodiċi Kriminali ta l-poter lill-Qorti (sija tal-Magistrati u sija tal-Appell Kriminali) illi jekk ikun jidhrilha li wieħed ikun instab ħati ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija magħmul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża u li ma ġiex trattat dwar dik is-sentenza sospiża illi toħroġ ċitazzjoni li biha tordna lill-ħati li jidher quddiemha f'data u f'hin li jkunu speċifikati fiha, jew toħroġ mandat għall-arrest tiegħu.

Illi fil-fehma tal-Qorti jista' jkun hemm lanjanzi oħra fir-rigward ta' kif tmexxiet il-proċedura msemmija fir-rigward tar-rikorrenti, iżda dawn huma aktar ta' natura proċedurali milli ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Fil-każ in kwistjoni u f'kull każ ieħor simili, l-imputat ma jkunx qed jiġi proċessat sempliċiment għaliex fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża jkun għamel reat ieħor iżda jiġi proċessat appuntu għaliex ikun hemm akkuża li għamel dak it-tieni reat. Fil-każ in eżami, kif ġia' ingħad, ma hemmx dubju li huwa kellu d-debita notifika tal-akkużi u anke ammetta dawk l-akkużi. Għalhekk fir-rigward ta' dak il-process kellu indubbjament *fair trial*. Il-kundanna biex iservi l-ewwel sentenza ta' ħabs, ma ġietx inflitta lilu direttament mill-Qorti tal-Appell iżda din ordnat li dik is-sentenza ġia' mogħtija, ma tibqax sospiża għaliex l-akkużat instab ħati ta' reat ieħor; hija miżura aktar ta' natura amministrattiva fis-sens li l-Qorti ma terġax issib ħtija iżda twaqqaf is-sospensjoni tas-sentenza u trendiha esegwibbli.

Illi għalkemm meta wieħed ikun qed jitkellem fuq proċedura l-argument li ressaq l-Avukat Ġenerali, u ċjoe' li kulma qed jagħmel ir-rikorrenti jista' jwassal biss għal telf ta' ħin ma huwa xejn rilevanti, għaliex il-proċedura f'kull kamp legali qegħda hemm biex tassikura lill-partijiet smiegħ xieraq u ġust, il-fatt li ma tkunx ġiet osservata l-proċedura ma jfissirx bilfors li l-Qorti tkun naqset illi tagħti smiegħ xieraq; hawn il-Qorti tagħmilha ċara li mhux qed tgħid li f'dan il-każ kien hemm din il-mankanza. Anzi eżami tal-Artiklu 28D imsemmi, jindika li l-Qorti mhux bil-fors toħroġ ċitazzjoni fil-konfront tal-akkużat iżda tista' anke sempliċement toħroġ mandat għall-arrest tiegħu jekk

ikun il-każ. Fil-każ in eżami l-Qorti ordnatlu biex jidher quddiemha fid-data in kwistjoni u skond il-verbal relattiv, biex iwieġeb għal dak kollu li huwa konsegwenza tal-imsemmija sentenza. Hija ukoll spjegatlu li d-differiment kien qed iservi ta' taħrika għall-fini tal-artikolu 28B.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.**

**L-ispejjez tal-kawża fiċ-ċirkostanzi jkunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------